# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 296/2016 MH**

**Illum, 1 ta' Gunju, 2018**

**Solar Engineering Limited**

**Vs**

**Is-Socjeta' Sunsource & Co.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors datat 10 ta' April, 2018[1] fejn ghar-ragunijiet hemm premessi r-rikorrenti attrici tablet l-isfliz tar-rapport mediku tal-periti addizzjonali li jinsab a fol 223 sa fol 228 ta' l-atti.

Rat ir-risposta oppositorja ghal dan da parti tal-konvenuti kollha.[2]

Senjatament il-bazi tat-talba attrici tistrieh fuq il-fatt li l-periti addizzjonali, almenu dawk li xehdu in eskussjoni Mr Ray Gatt u Mr Alec Sultana, it-tnejn xehdu illi huma ma kellhomx access ghal atti processwali u lanqas kienu

[1] Fol 266
[2] Fol 290.

konnoxenti ta' l-ewwel MRI li kienet ghamlet l-attrici privatament aktar vicin wara l-incident. Fil-fatt it-tnejn xehdu illi huma bbazzaw il-konkluzjonijiet taghhom fuq il-fatt li l-ewwel MRI li sar mill-attrici kien fis-sena 2013 allura sentejn wara l-incident ghalhekk kienu tal-fehma li d-debilita' li taffligi lill-attrici ma kellha ebda konessjoni ma' l-incident mertu tal-kawza.

Da parti ta' l-intimati huma jopponu tali sfilz anke ghaliex jidrilhom li l-attrici da parti taghha naqset li tinforma lil periti addizzjonali b'dan l-ewwel MRI, ukoll ghaliex s'issa ma kienux gew eskussi l-esperti medici kollha mahtura, senjatament Mark Portelli u lanqas kienu da parti taghhom ghaddew ghal kontro-ezami ta' l-istess.

**Ikkonsidrat**

Illi bla dubbju ta' xejn u bla tlaqliq iz-zewg esperti eskussi Mr. Gatt u Mr. Sultana kienu ammettenti tal-fatt li MRI vicin l-incident innifsu, minhabba l-artrite' konstatata f'ghonq l-attrici , seta' kien indikattiv li kien hemm ness ma din id-debitlita' u s-sinistru incident. Dawn it-tnejn kienu cari f'dan ir-rigward . Mr Sultana kien ta' l-opinjoni dwar l-artirite illi *" ..li jekk sar ezatt wara* (l-MRI*) u kien hemm l-artrite inkunu nistghu nghidu li l-artrite' kienet hemm qabel. Pero issa li ghaddew tlett snin ma nistghux nghidu hux mill-incident*"[3]. Aktar tard anzi b'mod skjett jghid *"..jekk hemm artritis at that stage, (vicin l-incident) it is more likely that the arthritis was due to the accident"*[4]. Ukoll wara suggeriment ta' Dr Paul Cachia li kien hemm MRI aktar vicin l-incident[5], wiegeb *" I would not be in doubt that it was the result of her accident"*[6]

[3] Fol 274
[4] Fol 277
[5] Fol 277
[6] Fol 278.

Da parti tieghu Mr Gatt ukoll kien ta' l-istess hsieb jghid illi kieku jara l-MRI wara l-incident u jirrizulta normali u jarah tlett snin wara bil-kundizzjoni registrata fl-ghonq li *"..l-incident seta' kkawza l-problema"*[7]

Bla dubju ta' xejn ghalhekk jidher li l-attrici ghandha ragun fl-ilment taghha li n-nuqqas ta' konoxxenza ta' l-ewwel MRI da parti tal-periti addizzjonali seta' jkollu piz mhux negligibbli fuq il-konklussjoni taghhom dwar il-*causation* tal-griehi minnha hemm sofferti u possibilment anke dwar il-persentagg ta' dizabilita'.

Kif ben issottolineaw l-konvenuti naqset l-attrici li ma gabitx dan l-ewwel MRI a konjizzjoni tal-periti addizzjonali meta kellha sezzjoni intensiva maghhom u tkellmet fuq dak li kien okkora b'mod partikolari il-wegghat, dak li bdiet tikkonstata fizikament wara u l-kura li hadet fir-rigward.

Pero tqies illi l-konvenuti ghandhom huma ukoll ikollhom l-opportunita' li jezaminaw huma wkoll lill-istess konsulenti medici, ghalhekk qeghda tirriserva id-decizjoni dwar it-talba wara li fl-ewwel lok l-attrici tiddikjara jekk ghandhiex hsieb tghaddi ghal eskussjoni ta' Mr. Mark Portelli u da parti taghhom l-istess konvenuti jindikaw jekk ghandhomx hsieb jghaddu biex jezaminaw il-periti addizzjonali.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

[7] Fol 288